# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 49**

**Rikors numru 844/17/1 AF**

**Marine Fuels and Supplies Limited (C-75501), Triva Shipping Company Limited (C-39275) u Marcus Tonna f'ismu proprju u għan-nom in rappreżentanza ta' Marine Bunkers Malta Limited (C-81073)**

**v.**

**Id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Kummissarju tat-Taxxi**

1. Fl-2017 inħarġet Nota ta' Qbid bin-numru 168/2017 kontra s-soċjeta` attriċi Marine Bunkers Malta Limited għall-qbid tal-bastiment proprjeta` tagħha bl-isem MBM Xlokk, u għal 260,546 litru *marine gasoil* li l-bastiment kellu abbord. L-atturi jippremettu li fis-27 ta' Ġunju 2017 uffiċjali tad-Dwana kienu sabu lil ċertu Marco Mallia, allegatament iħott dan il-*marine gasoil* minn fuq l-imsemmi bastiment għal fuq *bowser* bin-numru BBI 171, u kienu ħarġu n-Nota ta' Qbid imsemmija. Dakinhar Mallia kien qalilhom li huwa kien qiegħed biss

jagħmel xi xogħlijiet biex jikkalibra l-*meter* tal-*bowser* li kien ser jibda jintuża fil-ġarr tal-*fuel* u l-atturi jsostnu li l-kwantitajiet ta' *fuel* li nstabu fuq il-bastiment mill-uffiċjali kienu jaqblu perfettament mal-ammonti li kellu jkun hemm fuq il-vapur. L-atturi jippremettu wkoll li din l-operazzjoni saret minn wara dahar is-sidien tal-bastiment, u li l-*fuel* abbord tal-bastiment MBM Xlokk kien qed jiġi miżmum legalment bl-awtorizazzjonijiet kollha meħtieġa, peress li l-imsemmi bastiment jintuża skont il-liġi għall-ġarr ta' *fuels* awtorizzati. L-atturi jilmentaw li n-Nota ta' Qbid inħarġet illegalment, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni, u jilmentaw ukoll li sofrew danni anke għaliex il-konvenuti damu aktar minn ħamsin ġurnata biex joħorġu n-Nota ta' Qbid wara li taw ordni biex il-bastiment ma jintmissx.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-nota ta' qbid numru 168/2017 inharget illegalment, b'mod arbitrarju u/jew minghajr gustifikazzjoni u li ghaldaqstant mhux gustifikat li tibqa' fis-sehh u konsegwentement tordna r-revoka tan-nota ta' qbid imsemmija.
>
> 2. Tordna lill-intimat jirrilaxxa l-oggetti msemmija fl-istess mandat ta' qbid fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.
>
> Bl-ispejjez kontra l-intimat senjatament, izda mhux biss, ghad-danni kollha li r-rikorrenti sofrew u ghad jistghu isofru kagun l-agir illegali tal-intimat, u dana salv kull provvediment iehor xieraq u opportun".

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* illi l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur, li l-lanjanzi tal-atturi huma nsostenibbli għaliex dawn il-proċeduri huma unikament konsegwenza ta' aġir illegali li kien jirriżulta f'telf ta' erarju pubbliku kieku ma ġiex skopert mill-uffiċjali tad-Dwana u għalhekk ma

jreġix l-argument li n-Nota ta' Qbid relattiva nħarġet b'mod abbużiv, u li d-Direttur Ġenerali (Dwana) ottempera ruħu mal-liġi u wkoll li l-konvenuti ma jistgħux jiġu miżmumin responsabbli għal xi danni ladarba aġixxew *entro* l-parametri tal-liġi.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Ġunju 2020 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tillibera lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom".

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-14 ta' Lulju 2020 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, *prevja* ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet mogħtija minnhom.

6. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-5 ta' Awwissu 2020 permezz ta' liema ssottometta li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

**Ikkonsidrat:**

7. Permezz tal-ewwel żewġ aggravji tagħhom l-appellanti jargumentaw li skont id-dritt Ewropew irid ikun hemm proporzjonalita` bejn il-ksur tar-

regolamenti u s-sanzjoni li tiġi mposta mil-liġi bħala konsegwenza ta' dak il-ksur u jilmentaw li l-artikoli ċitati mill-Qorti wasslu għal konsegwenzi sproporzjonati għal dak li fil-fatt seħħ. Iżidu li hawnhekk il-Qorti trid tħares mhux biss lejn din il-kawża iżda wkoll lejn il-proċeduri l-oħra li kienu ttieħdu mill-appellati u li wasslu għall-ħruġ ta' tliet Noti ta' Qbid, u ċioe` 166/2017 fil-konfront ta' Marco Mallia għall-*Bowser Seddon Atkinson* bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI 171, in-nota 167/2017 li nħarġet ukoll fil-konfront ta' Marco Mallia rigwardanti 4150 litru *marine gasoil* u n-nota 168/2017 li nħarġet fir-rigward tal-bastiment MBM Xlokk u 260,546 litru *marine gasoil*. Jgħidu li jirriżulta mhux kontradett li Marco Mallia kien qiegħed jagħmel xi xogħlijiet fuq trakk proprjeta` tiegħu li kien jikkonsisti fl-ikkalibrar ta' arloġġi fuq il-bastiment u l-*bowser* meta għaddew l-Uffiċjali tad-Dwana, u li d-Direttur appellat ma tilef l-ebda dazju jew introjtu ieħor kaġun ta' dawn il-fatti. Isostnu li għalhekk il-qbid tal-bastiment, il-*bowser* u l-*marine fuel* abbord il-bastiment u l-*bowser* kienet miżura eċċessiva meta jiġi kkonsidrat li ma ġie evadut l-ebda dazju u li dawn in-noti nħarġu sempliċiment għaliex kienet saret operazzjoni ta' kalibrar mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-Dwana, tant li fil-fatt il-konvenut stess mhux qed jallega li kien qiegħed isir xi tentattiv ta' kuntrabandu, iżda s-sanzjonijiet fil-liġi huma mandatorji, tassattivi u ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn il-gravita` tal-ksur li jkun allegatament seħħ. Jargumentaw li skont il-liġi Ewropea aġir amministrattiv għandu jkun proporzjonali u l-miżuri adottati mill-Istat m'għandhomx imorru lil hinn mill-għan li jkunu qed jippruvaw jilħqu, u dan oltre li huwa prinċipju sanċit fl-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewoprea li l-gravita` tas-sanzjoni

m'għandhiex tkun sproporzjonata meta mqabbla mar-reat li jkun ġie kommess, u jilmentaw li l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għal dan il-punt kruċjali għas-soluzzjoni tal-vertenza, minkejja li kien ġie trattat oralment quddiemha.

8. Id-Direttur appellat jirribatti illi li kieku l-liġijiet doganali ma kinux tassattivi fil-biċċa l-kbira tagħhom ma kienx ikun hemm deterrent b'saħħtu biżżejjed sabiex jissalvagwardja l-erarju pubbliku u l-Awtorita` tkun mingħajr snien u bla saħħa li tenforza l-liġi kontra persuni li jiksru d-dispożizzjonijiet doganali. Jgħid li f'din il-kawża l-ksur tad-dispożizzjonijiet doganali seħħ fuq tliet binarji, u ċioe` (1) billi sar ċaqliq ta' *gasoil* sdazjat minn fuq il-*fuel barge* MBM Xlokk għal fuq l-art mingħajr ma d-Dwana kienet informata u mingħajr ma kienet preżenti, (2) billi l-appellanti ma kienx għad għandhom awtorizzazzjoni sabiex jagħmlu operazzjonijiet ta' *bunkering* dakinhar tal-akkadut u għalhekk ma setgħu jagħmlu l-ebda tip ta' ċaqliq ta' *gasoil* u (3) kien hemm evażjoni ta' dazju *in flagrante* billi oltre għall-*gasoil* sdazjat intefa' wkoll *marine gasoil* sdazjat fil-magna tal-*bowser*, meta l-użu ta' *marine gasoil* fuq l-art huwa llegali għaliex għandu livell ogħla ta' kubrit minn dak li jinbiegħ bid-dazju mħallas għall-vetturi tal-art u jagħmel ħsara għas-saħħa pubblika u ambjentali meta jinħaraq fit-triq. Jgħid li mhuwiex minnu li ma kien ser jintilef l-ebda dazju jew introjtu ieħor kaġun tal-fatti mertu ta' dan il-każ għaliex kif ammess minn Marco Mallia stess, huwa tefa' ammont ta' *marine gasoil* sdazjat minn fuq il-*fuel barge* għal ġol-magna tal-*bowser*, liema dazju ma kienx ikkawtelat, oltre għaċ-ċaqliq klandestin li sar ta' *gasoil* sdazjat minn fuq il-*fuel barge* għal ġol-*bowser*, li ħadd ma kien ikun jaf

x'sar minnu kieku mhux għaliex din l-operazzjoni llećita` ġiet skoperta mill-uffiċjali tad-Dwana. Iżidu li apparti minn hekk, skont il-liġi operazzjonijiet ta' *bunkering* għandhom isiru taħt is-sorveljanza tad-Dwana bi ħlas appożitu, liema ħlas ma sarx. Iżid ukoll li l-liġi ma titkellimx biss dwar telf ta' ntrotju, iżda wkoll dwar ġarr u ċaqliq ta' oġġetti sdazjati li ma jsirx taħt superviżjoni u dwar ksur konsapevoli tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' Dwana dwar ħatt ta' oġġetti sdazjati. Jgħid li l-ewwel Qorti ma kinitx konvinta li Marco Mallia ma kellux x'jaħbi u żżid li Mallia nqabad *in flagrante* iċaqlaq b'mod klandestin ammont ta' *marine gasoil* sdazjat minn fuq il-*barge* MBM Xlokk għal fuq l-art, meta lanqas biss kellu permess biex jagħmel din l-operazzjoni. Isostni li huwa nkonċepibbli li l-appellanti qed javvanzaw argument dwar nuqqas ta' proporzjonalita` tal-liġi meta Marco Mallia ammetta li kien qiegħed jikser il-liġi konsapevolment biex jiffranka l-flus. Jargumentaw wkoll li s-sentenza ċitata mill-appellanti fl-ismijiet **Classic Group Ltd v. Ministru tal-Finanzi et** ma tistax tiġi nterpretata fis-sens li persuna tista' tkun negliġenti u ma taġixxix bħala *bonus pater familias* imbagħad tinvoka l-element ta' proporzjonalita`.

9. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw li sofrew ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex il-liġijiet doganali jpoġġu fuq l-individwu piż sproporzjonat, u dan aktar u aktar meta wieħed iqis li l-eżerċizzju tal-kalibrazzjoni li kien jitwettaq wassal għaċ-ċaħda mill-użu tal-kumplament tal-bastiment innifsu. Isostnu li l-konfiska awtomatika u tassattiva, mingħajr ma

jittieħed kont tal-partikolaritajiet tal-każ hija evidentement sproporzjonata u tivvjola d-dritt fondamentali msemmi.

10. Id-Direttur appellat jirribatti li kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tiddetermina materja kostituzzjonali. Iżid li barra minn hekk m'hemm l-ebda talba attriċi li titratta allegat ksur ta' drittijiet fondamentali. Jargumenta li l-appellanti qed jipprovaw jintroduċu materja quddiem din il-Qorti li ma tqajmitx quddiem l-ewwel Qorti ħlief għal referenza fil-qosor dwar il-prinċipju ta' proporzjonalita` li sar biss fl-istadju ta' trattazzjoni finali. Jgħid li fi kwalunkwe każ dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq għaliex m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

11. Permezz tar-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti aċċettat it-teżi tad-Direttur konvenut li l-ksur tar-regolamenti kien sempliċiment wieħed tekniku u li ma kienx hemm ħtieġa li jiġi pruvat xi kuntrabandu. Jgħidu li l-kriterju li jrid jiġi pruvat biex ikun hemm il-konfiska huwa li l-użu tal-mezz tal-ġarr ikun sar xjentement u għalhekk irid jintwera li l-użu ta' dak il-mezz ta' ġarr sar bl-għarfien jew intenzjoni ta' min inqeda bih, ukoll jekk ma kienx is-sid tal-mezz innifsu, u dan skont is-sentenza fl-ismijiet **Mario Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana)** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2014. Jgħidu li f'dan il-każ ġie pruvat li Marcus Tonna, kien aċċetta li jsiru xogħlijiet preparatorji għall-ġarr taż-żejt li kien ser jagħmel mal-ħruġ tal-liċenzja, u ma kienx jaf x'kien hemm bżonn għall-kalibrazzjoni tal-arloġġi, u lanqas ma kienx

preżenti meta Marco Mallia mar fuq il-post biex jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk ma ġiex pruvat li l-ksur tar-regolamenti sar bix-xjenza u l-approvazzjoni tal-appellanti. Jilmentaw dwar il-konferma tal-qbid tal-bastiment MBM Xlokk għaliex dan il-bastiment ma jistax jiġi kkonsidrat bħala mezz ta' ġarr li bih inħeba xi kuntrabandu *stante* li dan il-bastiment kien liċenzjat għaż-żamma ġo fih ta' *fuel* sdazjat u għalhekk ikopri l-funzjoni ta' *tax warehouse*, u meta ġie spezzjonat instab li l-*fuel* kollu abbord kien skont il-liġi. Isostnu li għalhekk jekk xejn il-qbid kellu jiġi limitat għat-trakk li ntuża biex jitniżżel il-*fuel* minn fuq il-bastiment, anke jekk dan kien għal skopijiet strettament preliminari.

12. Id-Direttur appellat jirribatti li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti aċċettat xi teżi tiegħu fis-sens li l-ksur tar-regolamenti kien biss wieħed tekniku u li ma kienx hemm ħtieġa li jiġi pruvat li sar xi kuntrabandu, għaliex l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx qed temmen il-verżjoni ta' Marco Mallia li ma kellu xejn x'jaħbi. Jgħid li huwa paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija li l-konfiska doganali hija proċedura *in rem* u l-bona fide jew nuqqas ta' xjenza tas-sid ma tiċċentrax, għaliex dak li jrid jiġi determinat biss huwa jekk kienx effettivament hemm ksur tal-liġijiet doganali. Jgħid li l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn l-utent u s-sid u għalhekk din id-distinzjoni m'għandhiex issir mill-Qorti. Isostni li ġie stabbilit li l-oġġetti maqbuda ġew maqbuda regolarment għall-finijiet tal-liġijiet u regolamenti viġenti, għalkemm dan ma jeskludix id-dritt tas-soċjetajiet appellanti li jduru fuq il-persuna li kisret il-liġi u rrekatilhom dannu.

13. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina d-disposizzjonijiet tal-liġi rilevanti għal din il-vertanza. L-artikolu 60(1)(a), (c) u (k) tal-Kap. 37 jaqra hekk:

"Bla ħsara ta' dak li jingħad espressament f'liġijiet oħra-

(a) Jekk oġġetti suġġetti għal ħlas ta' dazju jiġu żbarkati minn bastiment f'Malta, mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju; jew

(c) Jekk oġġetti jiġu meħuda minn fuq bastiment, moll, bankina jew lok ieħor f'Malta qabel ma jiġu eżaminati mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana jew, jekk oġġetti iddikjarati sabiex jiġu mdaħħla fid-depożt, jinġarru għad-depożt mhux taħt is-sorveljanza jew bl-awtorizzazzjoni ta' dan l-uffiċjal u mhux b'dak il-mod, u minn dawk it-triqat jew naħiet, u f'dak iż-żmien li huwa jordna; jew

(k) Jekk oġġetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' dwana, dwar l-importazzjoni, ħatt, trasbord, żbark u kunsinna ta' oġġetti jew b'kull mod ieħor li jmur kontra din l-Ordinanza,

f'kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu kkonfiskati, flimkien ma':

(i) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jiffurmaw magħhom oġġett sħiħ, anke jekk b' xi mod ikunu separabbli jew jistgħu jinqalgħu jew jinfirdu; u

(ii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom; u

(iii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu ġew użati biex jaħbuhom".

L-artikolu 68(1) tal-Kap. 37 jaqra hekk:

"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati: Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata".

Dwar il-piż tal-prova f'kawża ta' din ix-xorta, skont l-artikolu 77 tal-Kap. 37:

"Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ".

Rilevanti wkoll huwa l-artikolu 17(1)(a), (b) u (d) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382):

> "Jekk oġġetti dazjabbli –
>
> (a) Jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi kontra l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew
>
> (b) tneħħew b'mod klandestin jew mhux leġittimu minn jew 'il barra minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur li fihom dawk l-oġġetti dazjabbli jkunu ġew debitament depożitati; jew
>
> (d) ddaħħlu Malta u ssir evażjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, jew isir attentat biex issir dik l-evazjoni
>
> F'kull każ bħal dan, dawk l-oġġetti dazjabbli jiġu konfiskati, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom, u min jagħmel ir-reat jeħel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artikolu 16".

It-tieni sub inċiż, imbagħad, jaqra hekk:

> "B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati:
>
> Iżda ebda bastiment ma jkun soġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jekk ma jkunx ta' portata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellaġġ nett ta' reġistru".

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 3 tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Bunkering (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.25) fejn hemm stipulat (Regolament 3) li t-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti jeħtieġu l-awtoriżżazzjoni tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma. Din l-awtoriżżazzjoni l-atturi ma kellhomx dakinhar tal-inċident.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Priscilla Cassar et vs Il-Kontrollur tad-Dwana et, tad-29 ta' Jannar 2010, id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex li tiddikjara valida jew nulla n-nota ta' qbid in kwistjoni, 'iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat.'

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana, tal-10 ta' Novembru 2015:

> "Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "suggetti ghall-konfiska" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja".

Il-Qorti kompliet hekk:

> "Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:
>
> > "Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "Cara Ltd -vs- Kontrollur tadDwana" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana - deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005".

Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana:

> "Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:
>
> > "Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies ohrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija wahda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta' Frar, 2003".

F'sentenza ohra recenti tat-13 ta' Novembru 2015, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Farrugia v. Kontrollur tad-Dwana, l-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta' gurisprudenza hawn fuq imsemmija, ziedet: "L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attivita' kriminali...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-Qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura

specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-Qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-Qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x'jaqsam f'reat". Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak espost mill-Prim'Awla f'din is-sentenza.

...

Hawnhekk terga ssir referenza ghas-sentenza gia` kwotata fl-ismijiet Francis Xuereb pro et noe. v. Kontrollur tad-Dwana fejn fir-rigward jinghad ukoll: "L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll tal-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova tal-ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil prosekuzzjoni li tipprova u ssostni. Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37).""

L-atturi jinsistu li n-nota ta' qbid maħruġa mill-intimat hija illegali, arbitrarja u ma kienitx ġustifikata. Madanakollu, il-Qorti, wara fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti kif ukoll il-liġijiet doganali u ġurisprudenza applikabbli, qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-intimat aġixxa skont il-liġi meta ordna l-konfiska tal-bastiment mertu tal-kawża.

Il-liġi hija ċara u ma tħallix lok għall-interpretazzjoni. Fuq ammissjoni ta' Marco Mallia stess, jirriżulta li dakinhar tal-inċident kien qiegħed jiżbarka karburant sdazjat minn fuq il-bastiment għat-tank tal-bowser meta dan tal-aħħar m'għandux permess ta' maħżen tat-taxxa. Dan ma setax jagħmlu mingħajr awtorizzazzjoni tal-uffiċjali tad-Dwana, anke jekk dak li kien qiegħed jagħmel kien biss biex jivverifika jekk il-meter hux ikkalibrat. Mhux hekk biss, iżda bi

ksur lampanti tal-liġi, huwa tefa' ammont sostanzjali ta' karburant fit-tank li jħaddem il-magna tal-bowser, meta kien jaf illi dan il-karburant ma setax jintuża biex iħaddem magna ta' vettura li ser tinstaq fit-triq.

Fil-fatt, Carmel Attard, Kap Spettur fit-Taqsima tal-Infurzar fid-Dipartiment tad-Dwana spjega li sabiex jinħatt gasoil sdazjat minn fuq mezz ta' ġarr għal fuq ieħor, irid jingħata avviż lil Fuel Section tad-Dwana sabiex dan il-proċess isir taħt is-superviżżjoni tagħhom. Ix-xhud jispjega wkoll li l-gasoil sdazjat mertu tal-każ huwa intenzjonat sabiex jiġi maħruq minn inġenji ta' bastimenti, għaliex huwa għall-użu marittimu biss, peress li għandu livelli għola ta' kubrit minn dak li jinbiegħ bid-dazju imħallas għal-vetturi fit-triq. Ikompli billi jgħid li meta gasoil marittimu jinħaraq fit-triq, dan ikun qed isir b'dannu għas-saħħa pubblika u ambjentali.

Is-soċjetà attriċi Triva Shipping, li hija sid il-karburant sdazjat li ġie żbarkat dakinhar, għandha awtorizzazzjoni mingħand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għat-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti. Il-perjoda ta' validita ta' din il-liċenzja huwa mit-12 ta' Lulju 2017 sal 11 ta' Lulju 2027. Dan ifisser li meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, ħadd mill-atturi ma kellu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex iħott il-karburant minn fuq il-bastiment għall-bowser. B'żieda ma dan kollu, fost il-kundizzjonijiet tal-liċenzja wieħed isib stipulat ċar u tond illi d-detentur huwa dejjem obbligat jimxi mal-liġijiet u/jew regolamenti kollha fis-seħħ u allura xorta waħda kien meħtieġ illi jiġu avzati l-uffiċjali tad-Dwana sabiex jissorveljaw l-operazzjoni, naturalment bl-għan li jipproteġu l-erarju pubbliku. Mhux kontestat illi l-uffiċjali tad-Dwana ma ġewx notifikati dwar x'kien ser isir.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-konfiska tal-oġġetti ghalkemm drastika fic-cirkostanzi hija mandatorja u l-intimat m'għandux diskrezzjoni jikkonfiskax jew le l-oġġetti in kwistjoni fejn iseħħ ksur tal-liġi doganali.

Għandu jingħad ukoll li ladarba l-konfiska hija proċedura in rem, il-fatt jekk is-sid kienx jaf jew le ma jaffettwax l-istess konfiska. Iżda f'kull każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni attriċi la hija verosimili u lanqas kredibbli. Li kieku Marco Mallia ma kellux x'jaħbi, l-operazzjoni tal-hatt ma kienx jagħmilha filgħaxija u lanqas ma kien se jitfa mitt litru karburant fit-tank tal-magna tal-bowser, ladarba jammetti li kien jaf li dan il-karburant ma jistax jintuża fuq l-art.

Lanqas ma hija kredibbli l-asserzjoni tal-attur Marcus Tonna li huwa ma kienx jaf li Marco Mallia, li kien għadu ma giex impjegat mal-kumpanniji attriċi, kien sejjer dakinhar stess jiżbarka l-karburant minn fuq il-bastiment. L-argument li xi impjegat mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kien qallu li l-liċenzja għat-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti kienet ġiet approvata dakinhar xejn ma jiswa. L-ewwel u qabel kollox, prova ta' din il-komunikazzjoni huwa ma ressaqx, u d-dokumenti fl-atti juru li din il-liċenzja fil-fatt ħarġet ġimgħatejn wara l-inċident mertu tal-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ argumenti huma wkoll kontradittorji għaliex jew ma kienx jaf li Mallia sejjer jiżbarka l-karburant dakinhar, jew, skont hu, setgħet issir il-biċċa xogħol għax qalulu li l-

> liċenzja kienet approvata. Iżda mhux hekk biss, imma kif rajna, din il-liċenzja ma kienitx biżżejjed għax ma ġewx infurmati l-uffiċjali tad-Dwana li kien ser jiġi żbarkat il-karburant sdazjat. Evidentament, l-attur, li l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu jikkonsistu prinċipalment f'operazzjonijiet ta' bunkering, kien jaf illi ma setax jiżbarka l-karburant mingħajr ma jagħti avviż lill-uffiċjali tad-Dwana u mhuwiex verosimili li ma tax struzzjonijiet ċari lil Marco Mallia dwar x' għandu u m'għandux jagħmel bil-karburant sdazjat".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. L-appellanti jargumentaw li l-konfiska tal-*marine fuel*, trakk u bastiment hija konsegwenza li fiċ-ċirkostanzi mhijiex proporzjonali għaliex, skont huma, f'dan il-każ ma kien ser ikun ta' l-ebda telf ta' erarju pubbliku. Il-Qorti tagħraf illi peress li fl-applikazzjoni tal-liġijiet doganali l-Istat ikun qiegħed japplika wkoll il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalita` nvokat mill-appellanti, jorbtu lill-Istat li għalhekk huwa meħtieġ li josservahom. It-teżi tal-appellanti hija li dan mhuwiex każ ta' kuntrabandu għaliex dak li kien qiegħed isir kien biss kalibrar tal-arloġġ tal-*bowser*, li ma kien ser jikkawża l-ebda telf ta' erarju pubbliku. Skont l-appellanti għalhekk l-impożizzjoni ta' konfiska f'dawn iċ-ċirkostanzi hija sproporzjonata għaliex ma tieħux qies tal-bona fide tagħhom u tan-nuqqas ta' mpatt negattiv li l-aġir in kwistjoni kien ser ikollu fuq il-pubbliku in ġenerali.

15. Il-Qorti tosserva li ċ-ċaqliq tal-*fuel* mill-bastiment għall-*bowser*, anke jekk biss għall-finijiet ta' kalibrar tal-arloġġ tal-*bowser*, kien jeħtieġ li jsir taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet tad-Dwana wara l-ħlas ta' miżata appożita. Dan ir-rekwiżit joħroġ mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, u ma ġie bl-ebda mod pruvat li ma

kienx ser ikun possibli li din il-proċedura titlesta fi żmien raġonevoli.[1] Il-Qorti tosserva li fil-fatt, meta sar dan l-allegat kalibrar tal-arloġġ tal-*bowser*, l-appellanti kien lanqas għad għadhom il-liċenzja meħtieġa mill-REWS sabiex jagħmlu *loading, discharging* u *transferring* ta' *fuel* bejn *road tanker* u bastiment, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li kien hemm urġenza sabiex isir dan l-ikalibrar li tista' b'xi mod tispjega jew tiġġustifika l-aġir tal-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-proċedura relevanti għal dan il-każ u l-konsegwenzi għan-nuqqas ta' ħarsien tagħha, mhumiex irraġonevoli, meta wieħed jikkonsidra partikolarment li *fuel* jiġi kkunsmat u ma jħalli l-ebda traċċi viżibbli, b'mod li għalhekk huwa mperattiv li l-liġi tirregola strettament iċ-ċaqliq tiegħu biex kemm jista' jkun jiġi prevenut ċaqliq irregolari bil-konsegwenti evażjoni ta' dazju bi ħsara tal-erarju pubbliku u toħloq deterrent qawwi kontra l-ksur tal-liġi. Għalhekk ladarba l-proċedura li kellha tiġi segwita` toħroġ mil-liġi, u hija ċara u aċċessibbli, u ġaladarba ma jirriżultax li kien hemm xi urġenza biex jiġi kkalibrat l-arloġġ li tista' tiġġustifika n-nuqqas tal-appellanti li jsegwu din il-proċedura, il-Qorti tqis li l-ħruġ tan-nota ta' qbid in kwistjoni mhijiex miżura sproporzjonata, u dan bla ħsara għal kwalunkwe determinazzjoni li tista' ssir dwar jekk id-Direttur appellat kienx ġustifikat fil-ħruġ tal-istess nota.

16. L-appellanti jargumentaw ukoll li l-konfiska tal-bastiment hija leżiva tad-drittijiet fondamentali tagħhom hekk kif sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel

---

[1] Ara per eżempju **Joined Cases C-154/04 and C-155/04** (12/07/2005) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonsidrat li fejn tiġi stabbilita proċedura legali ċara u aċċessibli, li torbot lill-awtoritajiet pubbliċi u li tista' tiġi kompletata fi żmien raġonevoli jiġi ssodisfat il-prinċipju ta' proporzjonalita` fir-rigward ta' miżuri li jillimitaw l-importazzjoni ta' *food supplements.*

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tibda billi tirrileva li dan l-argument ma tqajjimx quddiem l-ewwel Qorti u għalhekk, bħala *noviter deductus,* mhuwiex permissibli li jitqajjem issa fl-istadju tal-appell. Inoltre, u fi kwalunkwe każ, kif sewwa jargumenta d-Direttur appellat, din il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddetermina lmenti dwar allegat ksur ta' drittijiet fondamentali, li jaqgħu fil-qafas tal-kompetenza esklussiva tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

17. Il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex teżamina l-mertu tal-każ odjern. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-ewwel Qorti kkonsidrat erronjament li ma kienx hemm ħtieġa li d-Direttur appellat jipprova li sar xi kuntrabandu, il-Qorti tibda billi tirrileva li skont l-Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-oneru tal-prova li m'għandhiex issir konfiska jinkombi fuq l-appellanti u mhux fuq id-Direttur appellat. Wara li fliet bir-reqqa l-atti ta' din il-kawża, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-ħruġ tan-Nota ta' Qbid in kwistjoni ma kinitx ġustifikata u tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

18. L-ewwel nett, anke kieku kellha tiġi aċċettata l-verżjoni tal-appellanti li kien qed isir biss kalibrar tal-arloġġ tal-*bowser,* kif diġa` ngħad din l-operazzjoni kellha ssir bl-awtorizzazzjoni tal-uffiċjali tad-Dwana u taħt is-superviżjoni tagħhom. Mhuwiex kontestat li dan ma sarx u għalhekk il-ksur tal-liġijiet doganali diġa` jirriżulta anke minn dan biss. Barra minn hekk, b'referenza għall-

argument tal-appellanti li sabiex jissussisti ksur tar-regoli relattivi jeħtieġ li ċ-ċaqliq ikun sar xjentement, il-Qorti tirrileva li dak li huwa meħtieġ mil-liġi huwa li l-użu tal-mezz ikun sar "…b'għarfien jew intenzjoni minn min inqeda bih, ukoll jekk ma kienx sid il-meżż innifsu."[2] L-appellanti stess ma jinnegawx li l-operazzjoni kollha saret xjentement minn Marco Mallia, u għalhekk huwa rrelevanti jekk huma kinux jafu jew le b'dak li qiegħed jagħmel. Barra minn hekk, din il-Qorti tqis inverosimili li l-appellanti ma kinux jafu b'dak li kien qiegħed jagħmel Mallia, għaliex huwa nverosimili u xejn kredibbli li Mallia kellu aċċess liberu għall-bastiment u għall-karburant maħżun fih meta lanqas biss kien impjegat tal-appellanti.

19. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-verżjoni tal-appellanti hija dubbjuża. L-ewwel nett, il-Qorti tosserva li hemm diversi diskrepanzi bejn ix-xhieda ta' Marcus Tonna u ta' Marco Mallia dwar il-komunikazzjoni li saret bejniethom, fejn filwaqt li Tonna jgħid li kien qal lil Mallia li l-applikazzjoni għal-liċenzja kienet ġiet aċċettata u li Mallia kellu jagħti n-*notice* fl-impjieg li kien fih, Mallia jgħid li Tonna qatt ma nformah jekk kinitx ħarġet il-liċenzja jew li kellu jagħti n-*notice*. Inoltre, filwaqt li Tonna jgħid li l-operazzjoni in kwistjoni kienet seħħet dakinhar stess li ġiet diskussa bejnu u bejn Mallia, Mallia xehed li dakinhar li mar jikkalibra l-*bowser* ma kienx tkellem ma' Tonna. Inoltre, il-Qorti tosserva li għalkemm Mallia jgħid li meta waslu l-uffiċjali tad-Dwana fuq il-post huwa kien qiegħed iċaqlaq lura l-*fuel* għal fuq il-bastiment, mill-affidavit ta' Jesmond Vella jirriżulta

---

[2] **Mario Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana) et** (PA [Kost], 23/10/2014).

li fil-verita` dak il-ħin Mallia kien għadu qiegħed iħott *fuel* minn fuq il-bastiment għal fuq it-trakk. Apparti l-kontradizzjoni manifesta, dan ifisser ukoll li siegħa u nofs wara li kien ilu li beda l-operazzjoni[3] Mallia kien għadu qed iħott *fuel* minn fuq il-bastiment għal fuq it-trakk, li għal din il-Qorti jqajjem dubju sostanzjali dwar il-veraċita` tat-teżi tal-atturi li Mallia kien qiegħed biss jikkalibra l-arloġġ tal-*bowser*. Dan oltre l-fatt li huwa kemmxejn suspett li din l-operazzjoni saret tant fit-tard.

20. Il-Qorti tosserva wkoll li mix-xhieda ta' Marco Mallia jirriżulta li apparti l-*fuel* li ċaqlaq għall-finijiet ta' kalibrazzjoni tal-arloġġ, huwa ċaqlaq ukoll mitt litru għall-magna tat-trakk. Dan għalhekk jikkontradiċi l-argument tal-appellanti li ma kien ser ikun hemm l-ebda telf għall-erarju pubbliku, għaliex il-*fuel* li Mallia ċaqlaq sabiex jintuża mit-trakk kien sdazjat u mhux kawtelat u għalhekk il-konsegwenza ta' dan iċ-ċaqlieq kienet ser tkun li fuq dan il-*fuel* qatt ma kien ser jitħallas id-dazju li huwa dovut lill-Istat. Dan apparti l-fatt li mill-provi jirriżulta li huwa llegali li *marine fuel* jintuża fuq l-art minħabba l-livell aktar għoli ta' kubrit li jkun fih li jikkawża ħsara ambjentali u huwa detrimentali għas-saħħa pubblika.

21. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanti ma rnexxilhomx juru li l-ħruġ tan-nota ta' qbid in kwistjoni ma kienx ġustifikat, jew kien jammonta għal miżura sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi, u dan ikkonsidrat li:

---

[3] Mallia xehed in kontro-eżami li kien mar jagħmel din l-operazzjoni għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (*fol.* 104).

i. Il-każ jinvolvi l-ksur ta' numru ta' liġijiet u regolamenti;

ii. Il-każ seħħ meta l-appellanti ma setgħu jagħmlu l-ebda ċaqlieq ta' *fuel* għall-ebda raġuni fiż-żmien relevanti għaliex ma kienx għad għandhom il-liċenzja meħtieġa;

iii. Il-każ jinvolvi *fuel* sdazjat, li l-appellanti kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li ma seta' jiġi mċaqlaq għall-ebda raġuni fi kwalunkwe maħzen, *bowser* jew post ieħor li mhux iċċertifikat bħala *tax warehouse*;

iv. Anke jekk l-appellanti ma kinux jafu l-proċedura li trid tiġi segwita` biex jiġi kkalibrat l-arloġġ tal-*bowser*, kellhom żmien ampju sabiex jikkonsultaw mal-awtoritajiet tad-Dwana biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi;

v. Huwa nverosimili li l-appellanti ma kinux jafu b'dak li kien ser jagħmel Mallia, ikkonsidrat li Mallia ma kienx impjegat tagħhom u għalhekk huwa nverosimili li kellu aċċess liberu għall-bastiment u għall-*fuel* maħżun fih;

vi. Hemm numru ta' kontradizzjonijiet fix-xhieda li joħolqu dubju dwar il-veraċita` tal-verżjoni tal-appellanti;

vii. A kuntrarju tat-teżi tal-appellanti li ma kienx ser ikun hemm telf għall-erarju pubbliku, huwa żgur kien ser jiġi evadut id-dazju dovut fuq il-*fuel* li Mallia ħatt mill-bastiment sabiex jintuża mit-trakk;

viii. Mallia uża *marine fuel* f'vettura fuq l-art, liema *fuel* huwa noċiv għall-ambjent u għas-saħħa pubblika meta użat fuq l-art, u dan minkejja li kien jaf li dak li qed jagħmel huwa llegali.

22. Għaldaqstant u *in vista* ta' dan kollu, il-Qorti tqis li s-sentenza appellata hija korretta u m'hemmx lok li tiġi riformata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm